F'dawn l-ewwel jiem tal-Pontifikat ta' **Papa Ljun XIV** nawgurawlu ħidma qaddisa u nitolbu għalih sabiex kif qal hu stess fl-omelija tal-bidu tal-ministeru petrin tiegħu, ikun "ragħaj li jkollu l-ħila jħares il-wirt għani tal-fidi Nisranija u, fl-istess waqt, jixħet ħarstu 'l bogħod, biex tiltaqa' mal-mistoqsijiet, mat-tħassib u mal-isfidi tal-lum".



Ejjew nilqgħu u f'dawn il-jiem li fihom se nitħejjew għal sensiela ta' festi, ibda minn dik ta' Pentekoste, imbagħad tal-Korpus u dritt wara għall-iktar waħda għażiża għalina n-Nadurin, dik tad-29 ta' Ġunju f'ġieħ il-Kbar Appostli Pietru u Pawlu; nitlobu għalhekk lill-Ispirtu s-Santu sabiex jaħdem fina: "hu li għaraf jikkorda d-diversi strumenti mużikali, u hekk jivvibra l-kordi tal-qalb tagħna f'melodija waħda". Tassew ejjew ningħaqdu mal-isforzi u mat-talb tal-Papa sabiex ningħaqdu iktar flimkien bħala komunità nisranija fin-Nadur ħalli nkunu veru "magħqudin f'familja waħda" speċjalment f'daż-żmien qarib tal-festa biex il-ferħ tagħna jkun ġenwin!

Nerġgħu ntennu s-sejħa tagħna sabiex tgħinuna niġbru l-iskart tal-metall quddiem il-bieb tal-garaxx ta' ħdejn il-Mużew Marittimu fi Triq il-Kappillan.

- Copper (ram)
- Brass
- Electrical wires
- Aluminium
- Lead (ċomb)
- Stainless Steel
- Zinc (żingu)
- Air Condition units
- Batteries
- Electric motors
- Small electronics

Jinġabru wkoll borom, vitien, sinkijiet tal-metall, containers tal-fojl, ċwievet qodma, pużati, fittings u tubijiet tal-metall.



Il-Ħamis li għadda saret l-ewwel **laqgħa għall-abbatini** l-ġodda. Min jixtieq għadu fiċ-ċans jingħaqad mal-grupp sabiħ ta' abbatini fil-parroċċa tagħna li kulma jmur qiegħed jikber! It-taħriġ fis-servizzi qed isiru minn Dun Reuben Micallef flimkien mal-prefett Clyde Borg.

**L-Għaqda tal-armar tal-Pjazza** qed tagħmel sejħa għall-għajnuna: min jista' ġentilment joffrilhom l-ispazju ta' xi garaxx ħalli jinżamm xi armar tal-festa sakemm isir ix-xogħol ta' manutenzjoni u tkabbir tal-maħżen minn Lulju 2025 sa Ġunju 2026, jista' jkellimhom f'dawn il-ġranet. Kull għajnuna hi apprezzata!

Infakkru u **nħeġġu lir-romol** kollha, irġiel u nisa, li nhar it-Tnejn 26 ta' Mejju fis-5.45pm se jkun hemm katekeżi għalihom fil-Mużew il-qadim tal-Bniet, Triq Rakela Camilleri. Imexxi Dun Reuben Micallef.

**Purċissjoni u Programm Marjan fil-Museum tas-Subien:** Nhar il-Ħamis 29 ta' Mejju fis-7.15p.m. titlaq purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tal-qasam minn Pjazza San Pietru u San Pawl, tgħaddi minn Triq Diċembru 13 u Triq Dun Ġorġ Preca. Tintemm fil-grawnd tal-Museum bi programm qasir ta' kant, poeżiji, prietka u konsagrazzjoni lill-Madonna. Kulħadd huwa mistieden.

Nhar il-Ġimgħa 30 ta' Mejju se jingħad ir-**Rużarju fi Triq tad-Duru** ma' Triq ix-Xini. Jibda fis-6.00pm. Kulħadd mistieden jitlob għall-ħtiġijiet personali tiegħu.

Mis-Sibt 31 ta' Mejju u l-Ħadd 1 ta' Ġunju, iċ-Ċimiterji ta' Kenuna u tal-Ħniena Divina ser jibdew ikunu miftuħin mis-7:00am sas-7:00pm.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am